MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 103/2010

**Il-Pulizija**
**(Supt. Martin Sammut)**
**(Spt. Carmelo Abdilla)**
**Vs**
**Marvin Zammit**
**Andrew Victor Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta' Gunju, 2007, f'xi hin bejn nofs il-lejl (00.00 hrs) u s-siegha (01.00 hrs) ta' filghodu, gewwa l-istabiliment maghruf bhala Axis Discoteque, sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghu l-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Marvin John Mallia mill-Hamrun (Art. 214, 216 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art. 338(dd) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Gunju, 2007, gewwa San Giljan u bnadi ohra, naqsu milli jharsu xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li bih inghataw il-helsien mill-arrest;
4. Lil Andrew Victor Galea talli fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Gunju, 2007 gewwa San Giljan gar xi sikkina jew strument li jaqta` jew bil-ponta ta' liema xorta li jkun, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (Art. 6 ta' Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 37, 214, 215, 216, 218 u 338(dd), 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Andrew Victor Galea hati u ghaldaqstant ikkundannatu tmintax (18 il-xahar prigunerija, sabet lil Marvin Zammit hati u ghaldaqstant ikkundannatu sentejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Marvin Zammit minnu pprezentat fit-8 ta' Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitux hati li kiser il-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest, tirrevokaha fejn sabitu hati ta' l-akkuzi l-ohrajn kollha u konsegwentement tilliberah mill-piena nflitta u f'kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant jitlob li tigi imposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Rat ir-rikors tal-appellant Andrew Victor Galea minnu pprezentat fit-8 ta' Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata w dana billi tikkonferma l-istess sentenza fejn din ma sabitux hati taht it-tielet akkuza w cioe` talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), tikkonfermaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel akkuza fejn din sabitu hati li kkaguna ferita ta' natura gravi pero` limitatament biss fit-termini ta' l-artikolu 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'

Malta u fejn sabitu hati tar-raba` akkuza cioe` talli garr sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija tvarja l-istess sentenza billi tilliberah mill-akkuza li kkaguna ferita gravi fit-termini ta’ l-artikolu 218 ukoll taht l-ewwel akkuza, w tvarja l-piena inflitta billi tipprovdi ghal wahda aktar mita w idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Marvin Zammit fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazina tal-fatti u interpretazzjoni hazina tal-ligi.
Illi meta l-Ewwel Qorti pronunzjat is-sentenza li minnha qieghed isir dan l-appell, l-Ewwel Qorti kienet sabet lill-appellant hati skond l-akkuzi kollha migjuba kontrih u kkundannatu ghal sentejn prigunerija. Illi qabel ma l-Ewwel Qorti pronunzjat is-sentenza, il-partijiet ghamlu t-trattazzjoni rispettivi taghhom, u wara, l-Qorti ghaddiet sabiex tat is-sentenza taghha. Illi s-sentenza li l-Ewwel Qorti tat dak il-hin, ossia fil-25 ta’ Fara, 2010, ma kienitx l-istess sentenza li minnha qieghed isir l-appell de quo.

Illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet legalment issib lill-appellant, allura imputat hati taht l-artikoli 214, 216 u 218 tal-Kap. 9. Illi l-appellant mhux ser joqghod jidhol fil-kwistjoni illi meta Dr. Mario Scerri kien ezamina lil Marvin John Mallia u l-Marvin Zammit kien iddikjara li l-feriti li kien irriskontra fuq il-persuni taghhom kienu kollha ta’ natura hafifa, izda imbaghad sussegwentement kien iddikjara a fol. 36 li l-lacerazzjoni fuq ghajnejn (Marvin J. Mallia) l-leminija tibqa` marka permanenti u per konsegwenza, l-prosekuzzjoni talbet zieda fl-akkuzi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena inflitta kienet eccessiva w harxa zzejjed meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Andrew Victor Galea fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi mhux daqstant car jekk l-appellant instabx hati ta’ ferita gravi fit-terminu ta’ l-artikolu 216 jew ferita gravissima fit-terminu ta’ l-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi in effetti, mill-qari tal-parti decide tas-sentenza jinghad illi l-Qorti qed issib lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti salv ta’ dik tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta` provvizorja.

Illi mill-qari ta’ l-akkuza originali u l-artikoli moghtija, jirrizulta li l-akkuza ta’ ferita gravi kienet wahda miftuha ghaliexx issemmew l-artikoli 216 u 218 u ghaldaqstant kien jispetta lill-Qorti fid-deliberazzjonijiet taghha tiddetermina b’mod car u inekwivoku taht liema disposizzjonijiet tal-ligi qed issib lill-appellant hati.

Illi naturalment m’ghandux ikun hemm dubbju bil-mod ta’ kif inghatat is-sentenza essendo li fil-parti decide gie kkwotat ukoll l-artikolu 218 li l-Qorti kellha f’mohha l-pieni hemm prevvisti meta kkundannat lill-appellant ghal tmintax-il xahar prigunerija.

Illi l-appellant ihoss li fl-aghar ipotezi ma kellux jinstab hati li kkawza feriti ta’ natura gravi (gravissima) fit-termini ta’ l-artikolu 218 imma se mai ta’ l-akkuza ta’ ferita gravi kontemplata fl-artikolu 216.

Illi f’dan is-sens issir ampja referenza ghar-rapport tal-perit mediku Dr. Mario Scerri a fol. 49 tal-process. Fi klawsola numru 3 ta’ l-istess insibu hekk *“illi din il-lacerazzjoni tista` thalli marka permanenti u vizibbli fil-wicc”.* Mela minn hawn naraw li l-espert tal-Qorti ma kienx f’posizzjoni jiddikjara b’mod inekwivoku jekk l-isfregju kienx wiehed permanenti jew le.

Illi minn dan jirrizulta konsegwentement li l-uniku fatt li jirrizulta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni hu li Marvin John Mallia kellu sfregju fil-wicc fit-terminu ta’ l-

artikolu 216(1)(b) u mhux sfregju gravi u permanenti fil-wicc kif kontemplat fit-termini ta’ l-artikolu 218 tal-Kap. 9.

Illi konsegwentement l-appellant ghandu jigi liberat mill-ewwel akkuza in kwantu din tirriferixxi ghal din id-dispozizzjoni tal-ligi u b’hekk zgur ghandu jkun hemm varjazzjoni proporzjonata fil-piena.

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva w mhux idonea. Illi f’dan ir-rigward issir referenza ghax-xhieda tal-probation officer Joanne Farrugia illi ilha ssegwih ghal dawn l-ahhar snin. Ghandu jigi enfasizzat illi r-rimarki ta’ l-istess probation officer huma ferm favorevoli ghall-appellant fil-konfront ta’ l-appellant u jindikaw li hu pjenament ri-integrat fis-socjeta`. Fil-fatt dan huwa l-unika kaz li ghandu pendenti quddiem dawn il-Qrati u ma hu ta’ l-ebda periklu ghas-socjeta` in generali.

Illi llum l-appellant jinsab f’relazzjoni stabbli ma’ persuna ohra w miexi tajjeb fil-hajja w jkun kontro-producenti ghall-ahhar u mhux fl-interess tas-socjeta` li jintbaghat il-habs f’dan l-istadju u forsi jkun opportun ukoll li l-istess probation officer flimkien mat-tabib kuranti ta’ l-appellant jiddeponu quddiem dina l-Qorti dwar dan.

Ikkunsidrat.

Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti. Fil-lejl ta’ bejn id-disgha (9) u l-ghaxra (10) ta’ Gunju ta’ l-elfejn u sebgha (2007) l-appellanti kienu qeghdin fl-Axis Discotheque fi Triq San Gorg, San Giljan meta qamet glieda bejn xi zghazagh li fiha kienu nvoluti l-istess appellanti. F’din il-glieda, certu Marvin John Mallia soffra griehi gravi f’wiccu tant li dawn hallew marka parmanenti u vizibbli. Din il-kwistjoni qamet minhabba incident zghir li kellu Mallia ma wiehed mill-appellanti u l-kwistjoni kompliet tikber ftit wara meta l-appellanti t-tnejn aggredew lil Mallia u dan ta’ l-ahhar sofra l-griehi msemmija. Fl-istqarrijiet taghhom l-appellanti jammettu li kienu huma li aggredew lil Mallia wara li Marvin Zammit kellu xi jghid mieghu fit-tiolet ta’ l-istess stabbiliment fuq imsemmi u lanqas ma nnegaw illi huma taw bil-ponn lil Mallia.

Jammettu illi kienu l-Axis Discotheque kontra l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtiha lilhom fi proceduri ohra separati fejn huma wkoll jammettu li kisru dawn il-kundizzjonijiet izda ppruvaw jiskulpaw ruhhom mir-responsabilta' ta' l-incident meta qalu illi dak inhar kien hemm haddiehor maghhom illi tefa fliexken fid-direzzjoni ta' Mallia.

Ikkunsidrat.

L-ilmenti ta' l-appellanti huma principalment tnejn: wiehed illi ma kellhomx jinstabu hatja ta' ferita gravi fil-konfront ta' l-Artiklu 218 izda biss ta' l-Artiklu 216 u t-tieni illi llum l-appellanti huma nies riformati u m'ghandhomx jinghataw piena karcerarja kif ordnat l-ewwel Qorti.  In sostenn ta' l-ahhar sottomissjoni l-appellanti gabu lil Probation Officers Marianne Zammit biex tixhed fil-konfront ta' Marvin Zammit u Joanne Farrugia biex tixhed fil-konfront ta' Andrew Victor Galea.  Dawn iz-zewg Probation Officers kellhom kliem ta' tifhir favur l-appellanti fejn qalu illi t-tnejn qed juru nteress u jikkoperaw u li l-personalita taghhom tbiddlet u anke joqghodu fuq il-pariri li l-Probation Officers jaghtu.  Id-difiza rrimarkat illi Andrew Victor Galea kien ghadu teenager meta sehh dan ir-reat u llum huwa ragel b'certa stabbilita u rreferiet ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Rittmar Hatterly et deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-disgha (9) ta' Ottubru ta' l-elfejn u tmienja (2008) fejn iddahhal il-kuncett ta' "window of opportunity" ghal min ikun "repeat offender" illi pero' jkun juri sinjali ta' maturita' u tibdil fil-karattru taghhom biex b'hekk jinghatlhom l-opportunita illi jkomplu jimxu fit-triq it-tajba.

Ikkunsidrat.

Illi qabel ma l-ewwel Qorti tat d-decizjoni taghha kellha quddiema x-xhieda ta' Joanne Farrugia li wkoll xhedet quddiem din il-Qorti fejn piu o meno qalet l-istess haga, izda ma dan kollu l-ewwel Qorti deherilha illi mehud in konsiderazzjoni s-serjeta tal-kaz kif ukoll il-fatt illi meta si tratta ta'  vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat, deherilha illi kellha tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.  Hawnhekk din il-Qorti

tikkwota parti mid-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li mehud in konsiderazzjoni l-incidenti ricenti illi qeghdin isiru go Paceville jkun opportun illi jigi riprodott hawn hekk: “il-Qorti ma tista qatt taccetta mgieba vjolenti minn persuna li ghalxejn b’xejn jaqilghu l-glied u jweggghu lil haddiehor li jkun qieghed fl-affari tieghu bi kwietu ma shabu. F’dan l-incident ma kien hemm l-ebda provukazzjoni minn Mallia u ma kien hemm l-ebda aggressjoni minnu fil-konfront ta’ l-imputati, biex forsi huma jghidu illi huma kellhom jirrejagixxu in difeza.”

Din il-kunsiderazzjoni tapplika hafna ghall-incidenti li qeghdin jaqilghu llum go Paceville fejn ta’ kulljum qed nisimghu rapporti ta’ glied u ferimenti f’post fejn suppost in-nies imorru ghar-rilassament u divertiment. Dan l-agir qieghed ipoggi pressjoni kbira fuq l-ordni tas-sigurta illi minhabba l-imgieba ta’ xi whud qed ikunu kostretti jzidu l-prezenza taghhom go Paceville minkejja r-rizorsi stretti illi huma ghandhom. Din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa sejra hekk iktar u hemm bzonn illi l-Qorti tibghat messagg illi min jagredixxi bi vjolenza u jaghmel feriti lil haddiehor dana jkollu jinfacca l-konsegwenzi kollha tal-ligi minghajr hniena.

Ghalhekk din il-Qorti jidrilha illi d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti kienet wahda ragionevoli u legali u timmerita li tkun ikkonfermata. Kif qalet il-kawza Ir-Republika ta’ Malta kontra Ivan Gatt, Appell Kriminali l-ewwel (1) ta’ Dicembru nineteen ninety four (1994), “Fi kliem iehor, l-erzercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-Appell ikun ibbazat fuiq apprezzament ta’ provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anke jekk kien hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta u evidentament giet emmnuta ... il-funzjoni, anzi, d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dak l-apprezzament.”

Dana japplika wkoll ghal fini tal-piena illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni

ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-paremetri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak li tkun fl-Att “Repubblika vs David Vella erbatax (14) ta’ Gunju nineteen ninety nine (1999), Repubblika vs Eleno sive’ Lino Bezzina erbgha u ghoxrin (24) ta’ April, two thousand and three (2003) u ohrajn”.

Ghalhekk din il-Qorti wara li ghamlet apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, ghalhekk mhux il-kaz li s-Sentenza tigi disturbata. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-Appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------